MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 859/2001/1

**Falcon Tours Ltd.**

**-vs-**

**Josephine Cachia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuta kien impjegata tas-socjeta attrici fuq kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit, liema kuntratt gie ffirmat miz-zewg partijiet fil-hdax (11) ta' Novembru, 1996. Kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Illi l-konvenuta itterminat unilateralment, bi ksur tal-istess kuntratt, l-impjieg taghha b'effett mis-sbatax (17) ta' Mejju 1997, minflok fid-data miftehma;

Illi ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija (50%) ta' dak li kienet ser tithallas ghar-rimanenti zmien tal-kuntratt fuq imsemmi, ammontanti ghas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM1,025), u dan a tenur tal-Artikolu 34(12) tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

Li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont, izda baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta kisret il-kuntratt tal-impjieg ghal zmien definit meta hija telqet mill-istess impjieg taghha mas-socjeta attrici b'effett mis-sbatax (17) ta' Mejju 1997;

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ekwivalenti tal-hamsin fil-mija ta' dak li kienet ser tithallas l-istess konvenuta ghall-perjodu rimanenti tal-imsemmi kuntratt, amontanti ghas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira maltin (LM1,025), jew somma verjuri li tista' tigi stabbilita minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas- ta' Jannar 1999, u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. George Depasquale, I.D 103644(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Cachia pprezentata fid-9 ta' April, 2002 li permezz taghha eccepiet;

1. Preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni billi l-premessi attrici huma ambigwi u dan peress li ma hux sufficjentement car jekk il-premessi u talbiet attrici humiex ibbazati fuq il-kumtratt ta’ impjieg jew fuq l-artikoli tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2147 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk l-azzjoni hi bazata fuq l-artikoli tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta u kemm-il darba l-azzjoni hi bazata fuq danni l-azzjoni hi preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti “ratione valoris” kif jemergi mit-talbiet attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuta lanqas taf li ghandha taghti xi ammont ta’ flus lill-kumpannija attrici;

5. Illi bla pregudizzju ghal-premess, il-konvenuta ma ghandha taghti ebda ammonti ta’ flus lis-socjeta’ attrici u dan peress li l-konvenuta kellha ragunijiet tajbin u bizzejjed sabiex titlaq minn fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 34 (14) tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Salvi eccezzjopnijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------